## 7 ta' Mejju, 1955

## Imħallef:
## Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija versus Joseph Caruana

### Mara — Reat tal-Kap ta' Familja li jħalli l-Mara fil-bżonn — Inċiż (x) tal-art. 352 tal-Kodiċi Kriminali.

*Jekk f'kawża kontra r-raġel talli ħalla l-martu fil-bżonn il-mara tkun ħalliet id-dar konjugali, allura, sakemm hi ma tippruvax, bi pronunċjament tal-Qorti kompetenti, li kellha raġuni tajba biex titlaq mid-dar konjugali, ir-raġel ma jistax jiġi miżmum ħati talli ħalla l-martu fil-bżonn, għax b'liġi espressa, il-mara miżżewġa titlef id-dritt għall-manteniment meta hi tabbanduna d-dar konjugali bla raġuni tajba.*

*Jekk waqt li ssir akkuża simili kontra r-raġel ikun qiegħed jiġi dibattut f'sedi ċivili l-punt jekk il-mara kellhiex raġuni tajba biex titlaq mid-dar konjugali, hu spedjenti li, anki jekk ma tingħatax addirittura assolutorja mill-akkuża, tingħata almenu soprassessjoni sakemm jiġu definiti l-proċeduri ċivili fuq dan il-punt.*

*Dawn il-kawżi għandhom ikollhom dawk il-fattezzi li jimpurtaw "criminal misdemeanour"; u d-dispożizzjoni tal-liġi li tikkontemplahom ma għandhiex isservi bħala mezz eżekuttiv tal-provvedimenti tal-Qorti Ċivili, li għalihom hemm provvduti mezzi oħra.*

*Hu veru li ġie ritenut illi r-raġel li ma jagħtix manteniment lill-martu, avvolja jkun jista', jikkommetti b'daqshekk sregolatezza; imma evidentement ir-riferenza hi għar-raġel li inikwament u kapriċċjożament ma jagħtix manteniment lill-martu, għad li jkollu mezzi, mingħajr ma jkun hemm xejn li juri, almenu*

*"prima facie", li hu għandu raġuni plawsibbli biex almenu jikkontesta d-dritt tagħha għall-alimenti.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli Bormla, f'dawn l-aħħar xahrejn, bħala kap ta' familja, ħalla lill-martu u lill-bintu minuri Salvina fil-bżonn minħabba ħajja bla qies;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Marzu, 1955, li biha sabitu ħati u kkundannatu 10s. ammenda;

Rat ir-rikors li bih l-imputat interpona appell mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti, presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Gouder, fil-kawża "Il-Pulizija vs. Franġisk Caruana", irriteniet li, jekk f'kawża bħal dik preżenti l-mara tkun telqet hija middar konjugali, allura, sakemm ma tippruvax, bi pronunċjament tal-Qorti kompetenti, li kellha raġuni tajba biex titbiegħed mid-dar konjugali, ir-raġel, jekk ma jmantnihiex, ma jistax jiġi miżmum ħati; għaliex, b'liġi espressa, il-mara miżżewġa titlef id-dritt għall-manteniment meta hi tabbanduna d-dar konjugali bla raġuni tajba; u lliberat l-imputat;

Il-fatti ta' dan il-każ huma dawn, kif jidher mill-proċeduri ċivili, li għalihom saret riferenza. Biċ-ċitazzjoni 851 ta' l-1954, mart l-imputat, wara li esponiet li kellha raġuni tajba biex titlaq id-dar konjugali, talbet l-alimenti kontra żewġha, l-imputat. Żewġha eċċepixxa li hi telqet mid-dar bla raġuni tajba, u li għalhekk tilfet il-manteniment. Il-Qorti Ċivili tat provvediment għall-alimenti provviżorji "pendente lite" (dawk li jissemmew fis-sentenza issa appellata); iżda l-istess Qorti Ċivili, fl-imsemmi digriet, espressament għamlet ir-riżerva opportuna, bil-kliem "sakemm jiġi aċċertat jekk l-attriċi kellhiex kawża ġusta biex tabbanduna d-domiċilju konjugali". Kif jidher mill-verbal fol. 19 ta'dak il-proċess, il-kontendenti (l-imputat u martu) fil-pendenza tal-kawża għamlu tentattiv ta' rikonċiljazzjoni, mar-

ru jgħixu flimkien, u damu sitt ġimgħat. Din il-kawża, sa issa, waqfet f'dan il-pont;

B'ċitazzjoni oħra — 235 ta' l-1955 — mart l-imputat fittxitu għall-alimenti, in bażi għad-digriet provviżorju fuq imsemmi, mit-8 ta' Jannar, 1955. L-imputat, konvenut fil-kawża, apparti eċċezzjoni ta' indoli preġudizzjali, oppona li l-attriċi martu kienet irrinunzjat għal dak id-digriet; għaliex fiż-żmien tar-rikonċiljazzjoni saru akkordji oħra dwar ir-rata ta' l-alimenti. Minbarra dan (ara anki t-tieni para. tad-dikjarazzjoni tal-konvenut, l-imputat, fol. 5 tergo ta' dak il-proċess), martu kienet għal darb'oħra telqet bla ġusta kawża mid-dar konjugali, avvolja l-imputat kien kera dar ġdida, il-bogħod mill-familja tagħha u tiegħu. Din il-kawża, sa issa, waqfet hawn;

Issa, mill-provi mismugħa f'din is-sede, jirriżultaw żewġ ċirkustanzi li għandhom jiġu rilevati minnufih, b'korrezzjoni ta' l-imputazzjoni. Fiċ-ċitazzjoni, il-perijodu ndikat bħala "dawn l-aħħar xahrejn", stante li d-data ta' l-ispedizzjoni taċ-ċitazzjoni hi tal-4 ta' Frar, 1955, jiġu mill-4 ta' Diċembru, 1954 sa dik id-data, mentri sat-3 ta' Jannar, 1955 (anzi, skond il-proċeduri ċivili, sas-7 ta' Jannar), "ex admissis" l-imputat kien qiegħed imantni lill-martu;

Dippjù, fiċ-ċitazzjoni l-imputazzjoni hi estiża anki għall-allegat abbandun ta' bint l-imputat, mentri, "ex confessis" (ara anki l-istess att taċ-ċitazzjoni fiċ-ċivil, nru. 235/55. fuq imsemmi) l-imputat lit-tarbija dejjem mantniha;

Għalhekk l-imputazzjoni għandha tkun biss mit-3 jew is-7 ta' Jannar 1955 sal-4 ta' Frar 1955, u għandha tkun ristretta għal mart l-imputat;

L-imputat ma jikkontestax li hu ma tax lill-martu f'dan il-perijodu l-alimenti. u fuq domanda tal-prosekutur f'dan is-sens, "allura x'inhija r-raġuni li ma tajthiex?", hu rrisponda:— "Għaliex ma kellhiex dritt toħroġ minn ġewwa d-dar dik";

Issa, fil-każ preżenti non si tratta ta' sempliċi allegazzjonijiet, imma "sta di fato" li hemm pendenti proċeduri ċivili fejn qegħedha tiġi dibattuta, għal darba tnejn, il-kwistjoni deċiżiva għall-obligu tal-alimenti, dwar jekk mart l-imputat *telqetx b'ġusta kawża jew le mid-dar konjugali.*

Din il-Qorti mhix qegħedha tagħti tant importanza għall-fatt li mill-lokuzzjoni tas-sentenza appellata jidher li l-Maġistrat qagħad unikament fuq id-digriet tal-alimenti provviżorji fuq imsemmi, u li fil-proċeduri ċivili qiegħed jingħad li dak id-digriet waqa' b'rinunzja tacita, għax, kif sewwa qal l-Avukat tal-Kamra fid-dibattitu ta' dan l-appell, anki mingħajr dak id-digriet, l-obligu tal-alimenti hemm dejjem. Però, il-pont tal-ġusta kawża jew le, li qiegħed jifforma l-meritu ta' żewġ kawżi attwalment pendenti fit-tribunal ċivili, huwa ta' importanza fondamentali; għaliex, jekk mart l-imputat telqet mid-dar konjugali għal darba tnejn, u t-tieni darba, per ġunta, mid-dar ġdida li l-imputat kera, preżumibbilment, biex jiffaċilita r-rikonċiljazzjoni rakkomandata mill-Imħallef sedenti fil-kawża ċivili (ara dikjarazzjoni tal-konvenut fol. 5 tergo proċess 235/55 fuq imsemmi), u ma kellhiex kawża ġusta, allura hi ddekadiet mill-almenti, u ma jidherx ġust li l-imputat jiġi kundannat talli ma ħallasx alimenti li, fil-każ ta' nuqqas ta' ġusta kawża, martu ma hix intitolata għalihom;

Il-Prosekutur osserva, fil-kors tal-argumenti, li l-imputat ma għamelx kawża biex jottjeni deklaratorja tad-dekadenza ta' martu mill-alimenti għax telqet id-dar konjugali bla raġuni tajba. Din l-obbjezzjoni hi superata bir-riljev li hu qajjem din il-kwistjoni "ope exceptionis" fiż-żewġ kawżi fuq imsemmija;

Jidher għalhekk spedjenti li, anki jekk ma tingħatax addirittura assolutorja, kif sar fil-kawża fuq ċitata "Pulizija vs. Caruana", tingħata almenu soprassessjoni sakemm jiġu definiti l-proċeduri ċivili fuq dan il-pont;

L-Imħallef sedenti kellu kemm il-darba l-okkażjoni li jgħid li dawn il-kważi, bażati fuq l-inċiż (x) tal-art. 352 Kap. 12, għandhom ikollhom dawk il-tattezzi li jimpurtaw "criminal misconduct" fl-imputat; u qal sewwa l-Onor. Imħallef Dr. Montanaro Gauci, sedenti f'din il-Qorti, in re "Pulizija vs. Spiteri", 8 ta' Frar 1950, illi din id-dispożizzjoni tal-liġi ma għandiex isservi bħala mezz eżekuttiv tal-provvedimenti tal-Qorti Ċivili, li għalihom hemm provvduti mezzi oħra. Osserva wkoll l-Imħallef Dr. Edgar Ganado, App. Krim. "La Polizia vs. Tabone", 17 ta' Jannar 1931,

li dan il-fatt, previst fid-dispożizzjoni fuq imsemmija, għandu *jkun tali li jmur kontra l-ordni publiku,* li jixħet piż fuq is-soċjetà, u jġib perikolu morali fis-sens spjegat f'dik is-sentenza. Issa, fil-każ preżenti l-kwadru hu għal kollox divers. L-imputat ma hux qiegħed ozjuż, iżda qiegħed jaħdem u jaqla'; ma hux żregolat bl-ebda mod, u xejn ta' din ix-xorta ma ġie allegat kontra tiegħu. Ix-xhud Pietru Pawl Cassar jgħid li hu jaf lill-imputat bħala raġel onest u raġel sewwa. Dippjù, dan ix-xhud, mistoqsi fuqhiex inkisru l-imputat u martu, qal:— "Jien minn għalija kienet *qalet li trid flusu u dehbu f'idejha*". Il-Qorti sejħet lill mart l-imputat u kkonfermatha f'dik l-allegazzjoni; u din ammettiet li hi tinsisti li jkollha flus u deheb żewġha f'idejha, mentri xejn ma rriżulta li l-imputat ma hux raġel li jista' jieħu ħsieb flusu u dehbu hu stess;

Hu veru li ġie ritenut li r-raġel li ma jagħtix manteniment lill-martu, avvolja jkun jista', jikkommetti b'daqshekk żregolatezza; imma evidentement ir-riferenza hi għal raġel li inikwament u kapriċċjożament ma jagħtix manteniment *lill-martu,* għad li jkollu l-mezzi, mingħajr ma jkun hemm xejn li juri, almenu "prima facie" li hu għandu xi raġuni plawsibbli biex almenu jikkontesta d-dritt tagħha għall-alimenti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Din il-Qorti tiddekreta s-sospensjoni "sine die" tat-trattazzjoni ta' dan l-appell sad-deċiżjoni tal-pont tal-ġusta kawża jew le ta' l-abbandun tad-dar konjugali minn mart l-appellant in sedi ċivili.